# IL-FALKUNERIJA: MINN ŻMIEN L-ORDNI SAL-LUM

Kieku għadna fi żmien l-Ordni, erbat ijiem oħra, fl-1 ta' Novembru ta' kull sena, konna nkunu obbligati nibagħtu Falkun Malti lill-Imperatur Charles u ommu r-Reġina Joanna, monarki ta' Sqallija. Dan kien il-ftehim li l-Ordni ta' San Ġwann kellu magħhom, wara li huma taw Malta, Għawdex u Tripli lill-istess Ordni. Il-preżentazzjoni tal-falkun kienet issir f'Kastell Franco, fl-Italja. Biex nikseb aktar informazzjoni fuq il-falkuni u l-falkunerija tkellimt ma' Marco Aquilina, wieħed mill-falkunieri Maltin.

minn Charles B. Spiteri

**Meta ngħidu falkunerija, xi nfissru biha?**

Il-falkunerija hi l-arti li tikkaċċja bil-falkun, għalkemm hawn Malta ma tantx hawn postijiet fejn tista' tikkaċċja bihom, iżda s-sena li għaddiet, il-Gvern għadda l-liġi li tagħtina aċċess li nikkaċċjaw fuq Kemmuna għall-fniek slavaġ.

Biex immorru Kemmuna, irridu mmorru għand il-pulizija biex napplikaw għall-permess. Jiġifieri ma tistax tqum filgħodu u tiddeċiedi li tmur Kemmuna tikkaċċja bil-falkun. U dan il-permess jinħarġilna għal darba fix-xahar biss.

**Kemmuna u l-fniek slavaġ. Kemm tistgħu ssibu minn dan it-tip ta' fenek?**

F'Kemmuna hemm numru qawwi ta' fniek slavaġ, li jitqiesu bħala theddida għall-fawna li hemm.

**Ladarba jinqabdu l-fniek slavaġ, ikunu tajbin għall-konsum?**

Iva, hu fenek bħall-oħrajn. Kulma jkollu differenti hu laħmu, li jkun ftit aktar iebes, peress li dejjem jiġri u għalhekk isaħħaħ il-muskolatura tiegħu.

**Il-proċess tat-taħriġ lill-għasafar kif isir?**

Jibda billi l-falkunier iqatta' kemm jista' jkun ħin mal-falkun, billi jqiegħdu fuq l-ingwanta tal-ġild li jilbes f'idu biex tipproteġih mid-dwiefer. B'dan il-mod tibda tinħoloq dik ir-rabta bejniethom it-tnejn. Waqt dan il-perjodu jiġi introdott il-kappun. Dan ikun qisu kappell li jinżel fuq għajnejh biex b'hekk ma jkunx jista' jara madwaru u allura jkun jista' jżomm ruħu kalm.

Hawn min jgħid li hi moħqrija, iżda żgur li mhix, għax dan mhux se tħallih bih xi ġurnata. Inlibbsuhulu biss meta jkun hemm mumenti li naħsbu li jkun se jibża' minn xi ħaġa. Pereżempju jekk issir xi ħaġa mhix tas-soltu madwaru, li tista' tbeżżgħu, jew fil-ħin li nkunu ħerġin bih fil-karozza fi triqtna għat-taħriġ, inlibbsulu dan il-kappun. Ir-raġuni tkun biex ma joqgħodx jitħabat u jitkisser. Għax waqt il-vjaġġ, il-falkun ma jkollu l-ebda gaġġa, iżda jintrabat fuq stand apposta.

Hawn jibda l-proprju taħriġ li jirrikjedi paċenzja u dedikazzjoni. Il-falkunier jibda billi jitimgħu fuq l-ingwanta ħalli l-falkun jibda jassoċja lill-ingwanta u lill-falkunier mal-ikel. Għax permezz tal-ikel il-falkun jirritorna għand il-falkunier u mhux għax int tkun sidu, bħalma jiġri fil-każ tal-klieb.

Meta jidra lil sidu u jidra jiekol minn fuq l-ingwanta, jorbot lill-falkun fuq il-blokka tiegħu, fejn jiġi offrut l-ikel quddiemu fuq l-ingwanta. B'hekk idderrih imur hu għall-ikel u mhux jersaq lejh il-falkunier. Aktar ma tarah iwieġeb mal-ewwel aktar aħjar u tibda tersaqlu lura kull darba li jiġi għall-ikel, u malli jaħtaf l-ikel, issaffarlu s-suffara, biex jibda jassoċja s-suffara mal-ikel. Dan it-tagħlim ikun utli għax meta jkun qed itir, tiġbidlu l-attenzjoni biha.

Dan it-tip ta' taħriġ nagħmluhulu sakemm jiekol l-ikel ta' dik il-ġurnata, li dejjem ikun bil-qies. Waqt it-taħriġ, kif ukoll waqt it-titjir, il-falkun ikollu l-apparat tat-telemetrija, biex f'każ li jaħrab, inkunu nafu fejn jinsab.

**Is-suffara; kulħadd ikollu waħda ssaffar b'mod differenti?**

Le, kull suffara hi tajba, għax hu jkun dara l-ħoss tagħha.

**Ġieli kellkom falkuni li taru u ma ġewx lura?**

Iva, kellna minn dawn l-esperjenzi u barra li nkunu tlifna l-għasfur inkunu tlifna somma sew ta' flus ukoll. Għalhekk ma nagħtuhomx ikel qabel intajruhom, biex meta nsejħulhom bis-suffara, jiġu lura għall-ikel.

**X'ikel jieklu l-falkuni?**

Laħam, iżda mhux laħam proċessat bħal zalzett u prieżet, għax dawn ikunu mielħa u l-melħ hu velenu għat-tajr tal-priża. L-ikel jikkonsisti f'laħam tat-tiġieġ, flieles, summien, eċċ.

**U darba smajt li jieklu wkoll il-ġrieden. Naħseb li dan hu l-aktar oġġett irħis!**

Le tafx. L-aktar oġġett irħis bħala ikel huma l-flieles li jkunu ffriżati. F'Malta hawn individwi li jbigħu l-ġrieden, kemm tal-imramma u kemm firien. U tajjeb ngħid li l-laħam tal-ġurdien jew tal-ħamiema huma l-iktar sustanzjużi għall-falkuni.

**Bil-falkuni jsiru xi tipi ta' kompetizzjonijiet?**

Ġieli nagħmlu kompetizzjoni billi nixtru s-summien jew il-fagani, nitilquhom wieħed wieħed jew tnejn tnejn fis-salvaġġ u wara ċertu ħin induru bil-klieb tal-kaċċa, biex isibuhom u jtajruhom minn fejn ikunu staħbew. Kif itiru, aħna nsaffru s-suffara, u kif il-bies (falkun) jaraha mill-għoli, jinżel u jagħtiha d-daqqa biex joqtolha u wara jinżel jiekol.

> Il-falkunier iqatta' kemm jista' jkun ħin mal-falkun, billi jqiegħdu fuq l-ingwanta tal-ġild li jilbes f'idu biex tipproteġih mid-dwiefer. B'dan il-mod tibda tinħoloq dik ir-rabta bejniethom it-tnejn





Ritratt: KURT LAW



**Il-falkuni li jkollkom intom huma purament Maltin jew timpurtawhom? U jekk timpurtawhom, ifisser li m'għadx hawn Maltin?**

Ġeneralment, il-falkuni li jkollna aħna huma l-biċċa l-kbira impurtati. Dan għax f'Malta l-aktar li jipproduċu huma l-Harris's hawk. Dan hu għasfur simili ta' bagħdan, li l-oriġini tiegħu hi mill-Amerka Ċentrali. Maż-żminijiet sabu li din l-ispeċi hi tajba ħafna għall-kaċċa, speċjalment għall-fniek.

**Allura meta ngħidu falkun, xi rridu nfissru?**

Meta ngħidu falkun inkunu qed nirreferu għall-bies, biex niftiehmu aħjar, ikun tip ta' seqer.

**Mela, bejn seqer u ajkla x'differenza hemm?**

Id-differenza bejn bies u ajkla hija l-kobor, il-munqar, il-forma tal-ġwienaħ u wkoll il-forma tas-saqajn.

**Xi kemm għandna falkuniera f'Malta?**

Bħalissa ninsabu bejn 50 u 60 dilettant, li aħna maqsumin bejn iż-żewġ klabbs ta' Malta. Il-klabbs ma għandhomx sede u għalhekk, daqqa niltaqgħu post u daqqa niltaqgħu post ieħor. Fil-klabb fejn qiegħed jien ġieli niltaqgħu fil-klabb ta' Balzan FC u ġieli fl-uffiċini tal-FKNK.

**Biex wieħed isir falkunier, x'jeħtieġ?**

Jekk wieħed jitħajjar għall-falkunerija, il-parir tiegħi hu li l-ewwel jibda billi jaqra fuq dan id-delizzju u jara xi vidjows, għax inutli dak li jkun, ikun irid isir falkunier, jixtri falkun u mbagħad ma jkunx jaf kif iħarrġu, kif jorbtu, kif iżommu u kif jitimgħu. U tal-parir li qabel wieħed jixtri falkun, ikun aħjar jekk jibda jiffrekwenta lil xi ħadd li jkollu u li jtajjar xi bies, ħalli b'hekk jara l-proċess u xi jkun mistenni minnu.

Terġa' meta min ikun isegwi kotba u filmati jara wkoll x'tip ta' falkun ikun jgħodd għalih. Jekk pereżempju jkollu ċans itajjar kuljum, bies jgħodd għalih, iżda jekk ma jkollux ċans, jintefa' fuq Harris's hawk.

**U bies hu akbar mill-Harris's hawk?**

Le, il-Harris's hawk hu ftit akbar.

**U hawn f'Malta ma titilquhomx kultant lil dawn il-falkuni?**

Biex lill-falkun iżommu f'saħħtu; bħal kwalunkwe ħaġa oħra, irid it-taħriġ tiegħu, l-istess bħall-ħamiem tal-ġiri u nies sportivi oħra.

Meta jkollok bies, ġeneralment trid toħorġu kuljum, iżda meta jkun Harris's hawk, m'hemmx għalfejn din ir-regolarità, għax it-tip ta' titjira li jtiru hi differenti. It-titjira tal-bies tkun trid aktar taħriġ biex iżomm ruħu b'saħħtu. Hawn ma rridx ninftiehem ħażin, għax il-Harris's hawk ukoll irid it-taħriġ, iżda mhux daqs il-bies.



Ritratt: RONALD COCKS

**Il-bisien (falkuni) u l-hawks huma għasafar ta' billejl, jew ta' binhar?**

Le, dawn huma għasafar ta' binhar. Għal billejl hemm il-kokk. F'pajjiżi barranin anke jikkaċċjaw bihom għall-fniek slavaġ, l-aktar bl-Eagle Owl.

**Meta tixtru dawn l-għasafar għall-iskop ta' falkunerija, kemm ikollhom żmien?**

Il-falkun kapaċi jitħarreġ anki jekk ikollu tlieta jew erba' snin, skont kemm tkun lest li tqatta' ħin miegħu. Ġeneralment meta nimpurtawhom ikollhom bejn tlieta jew erba' xhur u jkunu diġà jtiru.

**Mela mhux kif ifaqqsu jinxtraw?**

Meta jinxtaraw falkuni li jkunu għadhom kemm faqqsu, ġeneralment il-falkunier ikollu skop. Dan ikun li fil-futur ikollu l-ħsieb li jkattar bihom, permezz ta' inseminazzjoni artifiċjali. Għax meta l-falkunier irabbi dawn l-għasafar sa mit-tfaqqis tagħhom, huma jassoċjaw ruħhom malajr ma' min jitmagħhom u jieħu ħsiebhom u b'hekk ikun hemm rabta aktar qawwija bejn l-għasafar u l-uman. Meta l-għasfur ikun kiber ftit, il-falkunier ikun jista' jieħu l-isperma tar-raġel u jqegħidha fil-mara.

**Jiġifieri jkun bagħal. U l-bgħula jkollhom żgħar?**

Skont ma' liema falkun ikunu laqqgħuhom. Fil-fatt hemm żewġ razez ta' falkuni, il-Gyr u s-Saker Falcons, li fis-salvaġġ jitgħammru bejniethom fuq il-muntanji ta' bejn ir-Russja u l-Mongolja.

**Allura dawn jiġu jiswew iktar?**

Mhux bilfors. Il-prezz ivarja b'ċerti modi, eżempju hemm minħabba l-kunċett tal-lewn, il-piż u l-istatura tal-bies. Bħala kulur, l-aktar li jitfittex hu mill-pajjiżi Għarab, l-aktar lejn Dubaj, u aktar mal-għasfur ikun abjad, aktar jogħla l-valur tiegħu. Fil-fatt, l-aqwa breeders li jkollhom minn dawn il-falkuni, lanqas ibiegħuhom fl-Ewropa, iżda jesportawhom lejn il-pajjiżi Għarab, għax iġibu eluf kbar ta' ewro.

**Hawn Maltin li għandhom ajkla?**

Iva, hawn wieħed li jtajjarha. Ajkla hi tajra kbira u trid toqgħod attent biha, għax jekk tkun xi Golden Eagle taf tkun perikoluża. Infatti fil-Mongolja, jikkaċċjaw anki lill-ilpup biha.

**Dawn il-falkuni jistgħu jittajru kullimkien? Pereżempju tkun toqgħod Ħal Qormi, tista' ttajru minn hemm?**

Lill-bies ma tistax, għax ikun irid il-ftuħ, iżda Harris's hawk, Goshawk u Sparrowhawk, tista', għax għal dawk m'għandekx bżonn ftuħ għalihom.

**Liema huma r-razez li nsibu għand il-falkuniera Maltin?**

L-aktar huma l-Peregrin, dak li hu magħruf bħala l-Maltese Falcon; imbagħad hemm is-Sakers; Sparrowhawks; Goshaws; Harris's hawks; Gyrs u Lanners.

**Għal xi kemm-il sena jgħix falkun?**

Fis-salvaġġ, jgħix bejn tmienja u 10 snin u fil-magħluq, anki sa 25 sena.

**Ngħid sew li minħabba l-kaċċa għandkom problema u minħabba xi riservi naturali, issibu problema oħra?**

Hekk hu, problema minnhom hi li l-falkunerija taqa' taħt il-liġi tal-kaċċa. U għalhekk jekk intajru f'ċerti ħinijiet, il-kaċċaturi u n-nassaba ma tantx jieħdu gost, għax bil-falkun itir, għasafar oħra ma jersqux 'l hemm u b'hekk inkunu qed intellfuhom mid-delizzju tagħhom. Bħala falkuniera, aħna nifhmu dan l-uġigħ ta' ras, għax barra li l-falkunerija hi tip ta' kaċċa, il-maġġoranza tagħna, aħna kaċċaturi wkoll. Għalhekk nippruvaw nadattaw ruħna. Jekk pereżempju l-kaċċa ssir filgħodu, aħna ntajru l-falkuni waranofsinhar, ħalli b'hekk nevitaw il-kunflitti.

**Jekk falkun jaħrab, għandkom xi mezz kif issibuh?**

Iva, għandna s-sistema tat-telemetrija. Ikun apparat fuq dahru, u nsegwuh bir-riċevitur. Daż-żmien, wieħed jista' jixtri telemetrija li tkun bis-sistema tal-GPS, li hi effikaċi aktar, billi tniżżel applikazzjoni fuq il-mobile, li permezz tagħha taqra kemm ikun qiegħed itir fil-għoli, b'kemm ħeffa għaddej, lejn fejn ikun ġibed, u b'hekk tkun tista' ssegwi lill-għasfur f'temp reali l-ħin kollu.

**Dawn il-falkuni jistgħu jittajru flimkien, jew jattakkaw lil xulxin?**

Mhux dejjem, iżda ġieli. Fil-fatt, meta niltaqgħu bejnietna ntellgħu wieħed u xħin jinżel, intajru l-ieħor. Il-Harris's hawks, jittajru flimkien għax huma soċjevoli għal xulxin, iżda l-bisien l-oħra, jew il-Goshawk jew Sparrowhawk, le. Jafu jiġġieldu u anki joqtlu lil xulxin.

**Fix-xitwa, il-falkuni jittajru?**

Iva. Il-falkuni ġeneralment nibdew intajruhom minn Ottubru sa Marzu jew April. Fiż-żmien li nwaqqfuhom inkunu qed nagħtuhom ċans ibiddlu, ħalli r-rix itellgħuh b'saħħtu. U biex jagħmlu dan iridu jkunu mitmugħin ikel aktar varjat. Raġuni oħra li nwaqqfuhom fix-xhur tas-sajf, hi minħabba li tibda s-sħana.

**Jibqa' bl-istess kulur ta' rix?**

Mhux dejjem, għax jekk ikun ferħ minn tal-ewwel sena, ir-rix li jtella' wara, ivarja fil-lewn mir-rix li jkollu meta jkun ferħ. Punt ieħor, speċjalment fil-bisien, peress li jużaw ħafna d-denb biex jimmanuvraw bih, in-natura tikkumpensahom b'denb itwal fl-ewwel sena. Iżda mbagħad, id-denb jiqsar, għax ikollu aktar ħila biex jimmanuvra.

**Isiru xi programmi edukattivi fl-iskejjel?**

Iva. Ġieli mmorru anki bil-falkuni fost it-tfal tal-iskola.

**U għat-turisti, hawn xi ħaġa?**

Hawn Falconry Centre privat li qiegħed is-Siġġiewi, fejn it-turisti jistgħu jżuruh u jaraw il-falkuni, anki fit-titjir. Aħna, min-naħa tagħna niltaqgħu ma' numru ta' turisti li jieqfu jkellmuna u jiġbdu r-ritratti, specjalment meta nkunu n-naħa ta' Ħad-Dingli.

**Kif tħares lejn il-futur tal-falkunerija f'Malta?**

Nemmen li biex tibqa' l-falkunerija jrid ikun hawn żgħażagħ li jieħdu interess, għax inkella terġa' tmut mewta naturali. Iżda l-aqwa żmien għall-falkunerija, li sfortunatament ma jerġax jiġi lura, kien żgur fi żmien l-Ordni, għax imbagħad inħolqu l-armi u malajr instab li l-ixkubetta kienet aktar effikaċi għall-kaċċa mill-falkun. Bħal f'kollox, ħaġa ġdida dejjem qalgħet lil dik eqdem minnha.